Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 30/2002

Rikors Nru: 30/2002

**Carmelo Albani
-vs-**

**John Scicluna**

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Carmelo Attard fejn jesponi bir-rispett:-

Illi huwa jikri bi qbiela lill-intimat l-ghalqa "Ta' Xorxa" f'Bulebell iz-Zghir, Zabbar, tal-kejl ta' circa seba sighan, bil-qbiela ta' zewg liri u nofs (LM2.50) fis-sena jithallas f'Santa Marija bil-quddiem.

Illi l-intimat ilu ma jhallas mill-1979 u b'hekk naqas li jhallas il-qbiela ghal tlieta u ghoxrin sena.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob li  dan il-Bord joghgbu:

1. Jawtorizza lill-esponent jirriprendi il-pussess ta' l-ghalqa fu imsemmija fl-iskadenza tat-terminu korrenti u ghall-fini ta' l-izgumbrament jiffissa zmien qasir u perentorju.

2. J ekk inhu il-kaz jistabbilixxi il-kumpens dovut lill-intimat skond il-ligi. Bl-ispejjez.

Ra r- risposta fejn l-intimat fuq quddiem eccepixxa illi "r-rikorrent jehtieglu juri li hu ghandu d-dritt li jircievi il-qbiela fl-intier taghha".

Ra li l-partijiet talbu sentenza fuq din l-eccezzjoni.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tat-23 ta' Mejju 2005.

Ikkonsidra,

1. Fl-affidavit tieghu r-rikorrent jghid li hu l-proprjetarhu tal-qasam li thalla lilu minn zitu Beatrice Xuereb Montebello li halliet werriet universali taghha (3 artikolu) b'testment fl-atti tan-Nutar Carmelo Lia tas-27ta' Marzu 1974.
2. Illi meta ttella jixhed mill-Bord ir-rikorrent jghid li hu ghandu nofs ir-raba' jew xi haga izjed u l-bqija ta' hutu. Jidher li hu jiehu hsieb din il-propjeta.
3. Li qed jghid l-intimat jiftiehem li r-rikorrent mhux l-uniku propjetarju imma hemm ohrajn. Skond ir-rikorrent hemm ko-prpjetarji ta' l-istess familja tieghu. L-intimat jeccepixxi li r-rikorrent mhux l-uniku propjetarju u ma jistax wahdu jghid li ma jhallsux qbiela. L-azzjoni jmissha saret mill-ko-propjetarji kollha hija t-tifsira li qed jaghti l-Bord lil-

eccezzjoni kif fehmu l-avukati tal-partijiet. L-avukat tar-rikorrent inghata zmien twil biex jirregola ruhu imma baqa' jsostni r-rikors kif inhu u l-Bord jkollu jghaddi ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tan-non integrita.

4. Il-Bord ser jistrieh fuq l-ahhar sentenza fuq il-punt tad-dritt fuq isemmi "Adelaide Ellul vs Modern Crown Stoppers Limited", Appell mill-Bord , 12 ta' Novembru 2003 imsejsa fuq "Carmela scicluna xebba vs Rosina armla Azzopardi, Appell Civili 3 ta' April 1964 (VOL XLVIII-I-233) u li dahlet in funditus fuq il-gurisprudenza precedenti.

"*Il-Qorti titlaq mill-punt illi tried tinzamm distinzjoni bejn il-kaz fejn id-detentur ikun qed jokkupa fond ‘minghajr titolu’ u dak li jkun hekk jokkupah ‘b’titolu ta’ lokazzjoni’. F’dan l-ahhar kaz ‘meta hemm diversi kompropjetajarji huma kollha ‘lokaturi’’, il-kuntratt hu uniku u m’hemmx tant rapporti separati ta’ bejn ‘l-inkwilini u ‘l-lokatur’ daqs kemm hemm komprepjetarji, izda l-lokazzjoni hi wahda; u meta l-ligi timponi rilokazzjoni timponiha bhala kontinwazzjoni jew, tigdid ta’ l-istess kuntratt uniku fil-konfront tal-komproprjetarji jew lokaturi kollha, u wiehed minnhom ma jistax, wahdu, jimpedixxi dik ir-rilokkazzjoni statutorja li “ ‘ex hypothesi’ topera ruhha ghar-rigward tal-kompreprjetarji l-ohra.”*

Issokktat tghid illi *“din l-istess raguni tista’ ma tapplikax meta bejn id-diversi kompropjetarji u d-detentur, ma hemmx rapport kuntrattwali, u d-detentur kien jiddettjeni bla titolu. Hsieb dan fuq dan l-ahhar punt ta’ okkupazzjoni bla titolu ricevut b’favur fid-decizjoni fl-ismijiet “Caterina Gerada vs Dr. Antonio Caruana,” Appell Kummerc , 28 ta’ Gunju 1973 oltre id-decizjonijiet a VOL XXI-2-433 u VOL XXXIX-2-540”.*

*5.* Tissemma wkoll "Mary Magdalene Symes et vs Robert Eder noe" (13/06/1980). Proprju fiha gie parafrezat il-hsieb tal-precitata sentenza *‘illi f’kaz ta’ lokazzjoni li trid tigi terminata, l-azzjoni hi precizament tendenti ghall-mutament ta’ rapport jew stat guridiku wiehed, u kwindi, l-litis konsorzju bejn dawk kollha li huma partecipi hu necessarju . In-nuqqas ta’ partecipazzjoni fil-kawza tal-*

*kompropjetarji l-ohra, kemm bhala atturi jew bhala konvenuti, jista' jigi sostiwit bil-prova certa tal-adezjoni ta' dawk il-propjetarji ghad-domanda maghmula gudizzjarjament minn wiehed minnhom, izda mhux anqas minn daqshekk'.*

Il-Bord jilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimat u jilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Fic-cirkostanzi spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------